DON'T WASTE
WASTE
DO YOUR BIT

# Ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku li jopera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum



Minn Jannar li ġej, iċ-Ċentru tal-Kontroll tat-Traffiku se jkun miftuħ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

Dan tħabbar waqt żjara li għamel il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Ian Borg f'dan l-istess ċentru fi ħdan Transport Malta.

Dan iċ-ċentru nfetaħ fil-ħamsa u għoxrin ta' Settembru li għadda bl-għan li jindirizza aħjar il-problemi tal-konġestjoni tat-traffiku f'pajjiżna – effett ta' ekonomija dejjem tikber u ż-żieda ta' tnejn u erbgħin vettura kuljum li komplew ipoġġu sfidi akbar f'dan ir-rigward.

Bħalissa ċ-ċentru huwa mgħammar b'sebgħa u għoxrin kamera li jsegwu dak kollu li jkun għaddej fit-toroq madwar il-pajjiż. Kameras li mistennija jirduppjaw fiż-żmien li ġej biex jaġġornaw lill-pubbliku b'dak kollu li jkun għaddej.

Proċess bħal dan jitlob kollaborazzjoni sħiħa ma' entitajiet differenti f'pajjiżna, sabiex f'każ ta' inċident tat-traffiku, il-pubbliku jiġi mgħarraf minnufih u mitlub jgħaddi minn rotot alternattivi.

Barra minn hekk, fl-istess ċentru hemm ukoll mapep iffukati fuq it-trasport pubbliku. Dawn juru id-diversi rotot u d-direzzjoni li fihom ikunu sejrin il-karozzi tal-linja sabiex f'każ li jkun hemm karozza li tieqaf jew ma tkunx puntwali għal xi raġuni jew oħra, jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tinstab soluzzjoni.

Il-Ministru Ian Borg ħabbar ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin l-uffiċjali fit-toroq se jkunu mgħammra b'*body cameras* u anke *dash cameras* fil-vetturi tagħhom, filwaqt li ser

jiżdiedu ħamsa u għoxrin kamera oħra ma’ dawk eżistenti biex jirdoppja wkoll il-moniteraġġ li jkun qed isir.

Il-Ministru Borg żied jgħid li dan mhux servizz iżolat, hekk kif f’dawn l-aħħar xahrejn tnieda wkoll is-servizz bla ħlas ta’ *towing* f’emerġenza li minnu qed igawdu medja ta’ għaxar karozzi kuljum.



Photo - DOI - Reuben Piscopo

Lokali



**AMY BRIFFA**

November 9, 2017, 11:48 am     **0 Comments**